MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 913/2000/1

**Brian Micallef**

**v.**

**Brian Tyre Services Limited u Noel Gauci**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment dwar il-kwistjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2005, u cioe` dwar jekk l-appell interpost mill-konvenuti sarx fit-terminu preskritt mil-ligi.

2. L-appell huwa minn sentenza in parte moghtija fl-20 ta' Frar, 2003, sentenza li, bi qbil bejn il-partijiet, kienet limitata ghall-kwistjoni ta' jekk il-konvenuti, jew xi wiehed minnhom, kienx responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur. Permezz ta' zewg rikorsi ppresentati fit-28 ta' Frar, 2003, il-konvenuti talbu l-permess tal-ewwel Qorti biex jappellaw minn din is-sentenza. Il-permess inghata, izda fit-2 ta' Dicembru, 2003. Peress li kien evidenti li kien ilu li ghadda t-terminu ta' ghoxrin jum stabbilit fl-Artikolu 226(1) tal-Kap 12, l-ewwel Qorti, fiz-zewg digrieti relattivi (inkorporati fil-verbal tal-udjenza) ittantat testendi dan it-terminu billi qalet li l-istess terminu kellu jibda jiddekorri minn dak inhar (cioe` mit-2 ta' Dicembru, 2003).

3. Ir-rikors ta' appell tal-konvenuti gie minnhom presentat fit-22 ta' Dicembru, 2003. Din il-Qorti, kemm kif komposta[1] kif ukoll diversament komposta[2], diga` fissret li t-terminu ta' ghoxrin jum ghall-presentata ta' rikors ta' appell minn sentenza in parte jibda jiddekorri mid-data li fiha tigi pronunzjata dik is-sentenza u mhux mid-data li fiha jinghata l-permess ghall-appell. Kif gie spjegat fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2003 (ara nota *in calce* numru 2): *"Ma hemmx dubbju li l-iskop tal-legislatur meta ssostitwixxa, fl-1995 bl-Att XXIV ta' dik is-sena, l-Artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif kien precedentement bl-artikolu kif inhu llum, kien li jillimita l-ispezzettar tal-kawzi b'appelli interposti minn kull wahda mis-sentenzi in parte li tista' maz-zmien tinghata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawza kollha kemm hi tigi determinata, ghall-anqas fl-ewwel grad. In fatti, kif kien dana l-artikolu qabel ma gie sostitwit bl-Artikolu 114 tal-imsemmi Att, kien hemm il-possibilita` fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti sokkombenti li jew tappella minn wahda jew aktar mid-diversi sentenzi 'wara li tinghata l-ahhar sentenza' jew li tappella minn kull sentenza separatament hekk kif din tinghata. Bid-disposizzjoni l-gdida l-legislatur ma nehhiex ghal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli*

[1] Ara ***Valle del Miele Limited v. Raphael Aloisio et*** 8 ta' Gunju, 2004; ***Carmelo Galea v. Olga Agius et*** 3 ta' Dicembru, 2004; ***Kemimport Limited v. Eric Schembri pro et noe*** 8 ta' Frar, 2005.
[2] ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George noe v. Joseph u Cecilia konjugi Vella Galea*** 16 ta' Dicembru, 2003

*tappella minn sentenza in parte, izda ghamilha kundizzjonata ghall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza in parte. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kull interpretazzjoni li talvolta tista' tkun mehtiega fir-rigward ta' l-Artikolu 231 ghandha tkun wahda restrittiva, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li jargina z-zminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawzi."* Gie spjegat ukoll f'dik is-sentenza li, galadarba l-legislatur ma pprovdiex, bhalma pprovda fil-kaz ta' digrieti interlokutorji[3], minn meta ghandu jibda jiddekorri t-terminu ghall-presentata tar-rikors ta' appell, kien isegwi li kien applikabbli ghal sentenzi in parte l-provvediment tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 226 imsemmi. Dan it-terminu hu wiehed ta' ordni pubbliku, u ebda qorti ma tista' tippretendi li tista' testendieh – kif evidentement ittantat taghmel l-ewwel Qorti fil-kaz *de quo* fid-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2003. Galadarba l-permess ma nghatax entro t-terminu ta' ghoxrin jum stabbilit skond il-ligi fl-Artikolu 226(1), dan jekwivali ghal cahda ta' l-istess permess[4].

4. Ghalhekk, apparti minn jekk il-konvenut Noel Gauci setax validament jappella, ir-rikors ta' appell odjern huwa kjarament null peress li ma giex presentat entro t-terminu stabbilit mil-ligi.

5. Ghall-motivi premessi tiddikjara l-appell tal-konvenuti irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, u tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tipprocedi bis-smigh tal-kawza skond il-ligi. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara a propositu ***Carmelo Galea v. Olga Agius et***, nota *in calce* numru 1, *supra*.
[4] Ara ***Kemimport Limited v. Eric Schembri pro et noe***, nota *in calce* numru 1, *supra*.